Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta’ Frar 2001.

Avviz Nru: 211/00

GasanMamo Insurance Agency Ltd bhala rapprezentatrici tas-socjeta’ assikuratrici estera CGU Insurance Plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Farrugia

Vs

Guiseppe Auricchio

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta’ Frar 1999 fil-limiti tal-Marsa waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru TFD 148, b’mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru BUN 156 propjeta’ ta’ assikurat tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f’din il-vettura.

Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ mitejn u erba’ u disghin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm294.48c) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult, erbatax -il lira (Lm14.00) ta’ Ittra Ufficjali tas-6 ta’ Awissu, 2000, kontra l-istess konvenut

li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa’ t-talba attrici u qieghda tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta’ Far 1999 fil-limiti tal-Marsa waqt li kien qed isuq il-vettura numru TFD- 148 b’mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru BUN-156 propjeta ta’ assikurat tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f’din il-vettura.

Tillikwida d-danni li sofriet is-socjeta’ attrici fis-somma ta’ mitejn u erba’ u disghin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm294.48c) indikati fl-avviz. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont lill-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg